



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 23 ta' Diċembru 2013
(OR. en)**

18167/13

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0443 (COD)**

**ENV 1235
ENER 600
IND 388
TRANS 693
ENT 356
SAN 555
PARLNAT 325
CODEC 3086**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Diċembru 2013
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2013) 920 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL- KUNSILL dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja u li temenda d-Direttiva 2003/35/KE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2013) 920 final.

Mehmuż: COM(2013) 920 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2013
COM(2013) 920 final

2013/0443 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja u li
temenda d-Direttiva 2003/35/KE**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 531 final}

{SWD(2013) 532 final}

{SWD(2013) 537 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Kuntest ġenerali - Raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha

Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tistabbilixxi livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet annwali għal kull Stat Membru li għandhom jintlaħqu sal-2010, u li jkopru emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit (SO₂), tal-ossidi tan-nitroġenu (NO_x), tal-komposti organiċi volatili mhux tal-metanu (NMVOC) u tal-ammonja (NH₃). Dawn kellhom l-għan li jnaqqsu t-tniġġis tal-arja u l-impatti negattivi tiegħu fuq is-saħħa pubblika u fuq l-ambjent fl-Unjoni kollha, u li jilhqqu konformità mal-Protokoll ta' Gothenburg.²

Hemm bżonn li dawn ir-rekwiżiti jiġu riveduti u aġġornati sabiex jiġu indirizzati r-riskji sinifikanti għas-saħħa u l-impatti ambjentali li jidheru minn t-tniġġis tal-arja fl-Unjoni li għadhom ma ġewx solvuti, u li l-liġijiet tal-Unjoni jiġu allinjati mal-impenji internazzjonali l-ġodda wara li ssir reviżjoni tal-Protokoll ta' Gothenburg fl-2012.

It-tnaqqis tal-impatt meħtieġ huwa stipulat fl-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Arja riveduta,³ li tagħgħorna l-perkors lejn l-għan tal-Unjoni fuq perjodu ta' żmien twil li jintlaħqu livelli ta' kwalità tal-arja li ma jkollhomx impatti sinifikanti fuq u li ma jgħolqux riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Din il-proposta hija waħda mill-pilastru leġiżlattivi ewlenin biex jinkiseb dan it-tnaqqis.

Apparti li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għal tnaqqis ulterjuri tal-emissjonijiet, din il-proposta tindirizza xi wħud min-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-Unjoni dwar l-arja, u l-ħtieġa għal koordinazzjoni mtejbja bejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-kwalità tal-arja, kif ukoll it-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-bijodiversità.

Minħabba n-natura u l-firxa sa fejn ikopru l-modifiki fid-Direttiva 2001/81/KE, u minħabba l-ħtieġa li jiżdiedu l-konsistenza u ċ-ċarezza legali, ir-reviżjoni tad-Direttiva 2001/81/KE titlob li d-Direttiva titħassar u li tiġi adottata Direttiva ġdida (din id-Direttiva).

Konsistenza mal-politiki u mal-għanijiet l-oħra tal-Unjoni

L-għanijiet ta' din l-inizjattiva huma konsistenti ma' u jsaħħu l-għanijiet Ewropa 2020 dwar tkabbir intelliġenti, inklużiv u sostenibbli. Dawn għandhom jistimolaw innovazzjoni li għandha tgħin biex jiġi appoġġjat it-tkabbir ekoloġiku u biex tinżamm il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, u għandhom ukoll jassistu t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-ħarsien tal-kapital naturali tal-Ewropa u l-isfruttar tar-rwol tal-Ewropa bħala mexxejja fil-qasam tal-iżvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi ġodda.⁴ Fejn ikun possibbli, għandhom jiġu segwiti s-simplifikazzjoni u l-kjarifika tal-politiki eżistenti sabiex

¹ Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi ta' l-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22).

² Protokoll għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila sabiex titnaqqas l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku (1999).

³ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Programm għal Arja Nadifa għall-Ewropa", COM(2013) [xxx]

⁴ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "EWROPA 2020 -Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv", COM(2010) 2020 finali, 3.3.2010.

tkun tista' ssir implimentazzjoni aħjar, fi spirtu ta' regolamentazzjoni iktar intelliġenti.⁵ Fejn jiġu introdotti miżuri, tingħata attenzjoni biex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-SMEs skont il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir".⁶ Ġiet żgurata koerenza mal-oqsma relatati mill-qrib bħalma huma dawk tat-trasport, tal-industrija, tal-agrikoltura u tat-tibdil fil-klima, kif ukoll mal-qasam tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi.

2. IR-RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-proċess ta' reviżjoni ġie ispirat minn esperjenza ta' speċjalizzazzjoni mibnija tul bosta deċennji ta' valutazzjonijiet dwar il-kwalità tal-arja, u minn attivitajiet ta' ġestjoni u reviżjoni dwar il-kwalità tal-arja kemm fl-Unjoni kif ukoll fl-ivell internazzjonali. Il-partijiet li ġew ikkonsultati jinkludu l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-implimentazzjoni tal-qafas politiku attwali fil-livelli amministrattivi kollha. Saru ħames laqgħat mal-partijiet interessati bejn Ġunju 2011 u April 2013 sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u sabiex jiġu offruti opportunitajiet għal kummenti u kontribuzzjonijiet mingħand il-partijiet interessati. Il-laqgħat kollha ġew trażmessi permezz tal-Internet, sabiex ikun jista' jkun hemm l-aktar parteċipazzjoni estensiva possibbli. B'mod parallel, ġew organizzati żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi: l-ewwel waħda, li saret fl-aħħar tal-2011, iffukat fuq ir-reviżjoni tas-saħħiet u d-debbulizzi tal-qafas ta' politika eżistenti dwar il-kwalità tal-arja, filwaqt li t-tieni konsultazzjoni pubblika onlajn mal-partijiet interessati kollha, li ffukat fuq l-għażliet ta' politika ewlenin disponibbli biex jiġu indirizzati l-problemi li fadal fir-rigward tal-kwalità tal-arja, saret fil-bidu tal-2013.⁷ Sar stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar il-fehma tal-pubbliku ġenerali rigward kwistjonijiet relatati mat-tniġġis tal-arja li ġie rrapportat fl-2012.⁸ Il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) wettqu wkoll proġett pilota dwar l-Implimentazzjoni tal-Arja, li ġabar flimkien 12-il belt mill-Unjoni sabiex tiġi vvalutata l-esperjenza lokali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika dwar l-arja.⁹

Ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-impatt

Il-konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja tista' tinkiseb f'terminu ta' żmien qasir sa medju billi ssir enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-politika eżistenti u billi tittieħed azzjoni mill-Istati Membri. Filwaqt li d-Direttiva 2001/81/KE għandha tiġi riveduta b'mod li tinkorpora l-impenji internazzjonali tal-Unjoni għall-2020 skont il-Protokoll ta' Gothenburg, mhuwiex adattat li jiġu introdotti miżuri ta' tnaqqis aktar stretti għall-2020.

Madankollu, il-perjodu ta' żmien sal-2030 huwa każ ta' natura differenti. Biex jiġu indirizzati l-impatti pendenti fuq is-saħħa u dawk fuq l-ambjent jeħtieġ li jsiru impenji aktar stretti ta' tnaqqis ta' emissjonijiet sostanzjalment. Għall-2030 l-għażla preferuta hija 70 % tat-tnaqqis massimu vijabbli tal-impatti fuq is-saħħa fl-2030, li għandhom jiġu ottimizzati għal tnaqqis

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea", COM(2010) 543 finali, 08.10.2010.

⁶ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "“Aħseb l-ewwel fiż-Żgħir” - “Att dwar in-Negozji ż-Żgħar” għall-Ewropa” COM(2008) 394 finali, 25.6.2008.

⁷ Fil-konsultazzjoni ntużaw żewġ kwestjonarji: total ta' 1934 individwu hađu sehem f'kwestjonarju iqsar għall-pubbliku ġenerali; filwaqt li kien hemm 371 risposta għall-kwestjonarju t-twil, li tfassal għall-esperti u għall-partijiet interessati. Ara http://ec.europa.eu/environment/consultations/air_pollution_en.htm

⁸ Ir-riżultati huma disponibbli fl-Ewrobarometru tal-2013.

⁹ Għar-riżultati kollha, ara r-Rapport 7/2013 taż-ŻEE.

addizzjonali fir-rigward tal-ewtrofikazzjoni u l-ożonu. Dawn l-impenji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet jipprovdu perkors kontinwu lejn l-għan tal-Unjoni tul perjodu ta' żmien twil.

L-implimentazzjoni tal-impenji tal-Protokoll ta' Gothenburg għat-tnaqqis għall-2020 ma tinvolvi ebda nefqa addizzjonali tal-Unjoni li taqbeż il-linja ta' referenza. L-impenji l-ġodda għat-tnaqqis għall-2030 tfasslu biex jimplimentaw it-tnaqqis tal-impatti tal-kwalità tal-arja sal-2030 stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar Programm għal Arja Nadifa għall-Ewropa. Il-valutazzjoni tal-impatt immudellat it-twassil ottimu tat-tnaqqis mixtieq, u din l-ottimizzazzjoni rendiet impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet għall-aktar sitt sustanzi li jniġġsu rilevanti. Dawn l-impenji ta' tnaqqis mistennija jnaqqsu l-ispejjeż esterni totali tat-tniġġis tal-arja b'EUR 40 biljun (abbażi tal-aktar valutazzjoni konservattiva) meta mqabbla mal-EUR 212 biljun fil-linja ta' referenza, inklużi benefiċċji ekonomiċi diretti li jammontaw għal aktar minn EUR 2,8 biljun: EUR 1,85 biljun minn telf fil-produttività minħabba tnaqqis fi-xogħol, spejjeż imnaqqsa ta' EUR 600 miljun fil-qasam tal-kura tas-saħħa, telf ta' EUR 230 miljun minħabba tnaqqis fil-valur tal-uċuħ tar-raba', u tnaqqis ta' EUR 120 miljun fi ħsara għall-ambjent mibni. Dan jikkumpara ma' spejjeż ta' konformità annwali ta' EUR 3,3 biljun, jew madwar frazzjoni ta' wieħed minn tnax mill-iffrankar fuq spejjeż esterni. Meta mqabbel mal-2005, il-linja ta' referenza għandha twassal għal tnaqqis ta' piż fuq is-saħħa ta' 40 % fl-2030. Din il-proposta tipprovdi 12 % aktar, li jfisser tnaqqis totali ta' 52 % fir-rigward tal-piż fuq is-saħħa meta mqabbel mal-2005. Għall-ewtrofikazzjoni, din tipprovdi 50 % aktar 'l fuq mil-linja ta' referenza.

Il-livelli massimi tal-metanu skont is-sistema NEC tal-Unjoni jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet b'mod kosteffikaċi, għalkemm jeħtieġ li l-politika tkun konsistenti mad-Deċiżjoni 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.¹⁰ Dispożizzjonijiet biex tittejjeb il-governanza u sabiex il-monitoraġġ u r-rappurtar jiġu allinjati mal-obbligi internazzjonali jistgħu jiġu inklużi għal spejjeż amministrattivi żgħar (madwar EUR 8 miljun bħala spiża inizjali u EUR 3,5 miljun bħala spiża annwali għall-Unjoni kollha).

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-proposta tħassar u tibdel is-sistema attwali tal-Unjoni għat-tqegħid ta' limiti annwali fuq l-emissjonijiet nazzjonali ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, kif definit fid-Direttiva 2001/81/KE. B'hekk, din tiżgura li l-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet (NECs) li ġew stabbiliti fid-Direttiva 2001/81/KE għall-2010 u għas-snin ta' wara għal SO₂, NO_x, NMVOC u NH₃ japplikaw sal-2020, u tistabbilixxi impenji ġodda għal tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali ("impenji għal tnaqqis") li huma applikabbli mill-2020 u l-2030 għal SO₂, NO_x, NMVOC, NH₃, kif ukoll għall-materja partikulata fina (PM_{2,5}) u għall-metanu (CH₄), kif ukoll livelli intermedji ta' emissjonijiet għas-sena 2025 applikabbli għall-istess sustanzi li jniġġsu.

Hawn taħt qed tingħata informazzjoni speċifika dwar l-Artikoli u dwar l-Annessi ewlenin.

L-Artikoli 1, 2 u 3 jispeċifikaw is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta u jipprovdu definizzjonijiet tat-termini ewlenin li jintużaw fihom.

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

Skont l-Artikolu 4 moqri flimkien mal-Anness II, l-Istati Membri għandhom jillimitaw l-emissjonijiet annwali tagħhom ta' SO₂, NO_x, NMVOC, NH₃, PM_{2,5} u CH₄, sabiex jissodisfaw l-impenji tagħhom ta' tnaqqis applikabbli mill-2020 u l-2030. Barra minn hekk, fl-2025 l-Istati Membri għandhom jillimitaw l-emissjonijiet annwali tagħhom ta' daww is-sustanzi li jniġġsu għal-livelli definiti fuq il-bażi ta' perkors ta' tnaqqis lineari, sakemm dan ma jkunx jeħtieġ miżuri li jinvolvu spejjeż sproporzjonati. L-Artikolu 4 jindika liema sorsi ta' emissjonijiet ma għandhomx jiġu kkunsidrati.

L-Artikolu 5 jintitola lill-Istati Membri biex jużaw ċerti flessibilitajiet, sakemm il-Kummissjoni ma toġġezzjonax: li jilħqu sehem ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' NO_x, SO₂, u PM_{2,5} mit-traffiku marittimu internazzjonali taħt ċerti kondizzjonijiet; biex jimplimentaw, b'mod konġunt, l-impenji tagħhom tat-tnaqqis ta' CH₄; u biex jipproponu inventarji tal-emissjonijiet aġġustati meta jirriżulta nuqqas ta' konformità ma' impenn għal tnaqqis (ħlief għal CH₄) minn metodoloġija tal-inventarju mtejbha.

L-Artikolu 6 jeħtieġ li l-Istati Membri jadottaw, jimplimentaw u jaġġornaw b'mod regolari l-programmi nazzjonali tagħhom għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja (NAPCPs), u li jagħtu dettalji dwar kif se jintlaħqu l-impenji tagħhom għat-tnaqqis. L-NAPCPs għandu mill-inqas ikun fihom l-informazzjoni stabbilita fl-Anness III (parti 2) u informazzjoni dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' karbonju iswed, u jistgħu jippreskrivu miżuri speċifiċi, kif elenkati fl-Anness III (parti 1), biex jittrażżnu l-emissjonijiet ta' PM_{2,5} u ta' NH₃ mis-settur agrikolu. L-NAPCPs għandhom jiġu żviluppatti fil-kuntest tal-qafas globali tal-politika dwar il-kwalità tal-arja u għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-analiżi li tinfed l-għażla tal-miżuri. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-NAPCPs tagħhom għal konsultazzjoni pubblika qabel ma dawn jiġu ffinalizzati. Għal dan l-għan, l-Artikolu 16 jemenda d-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ sabiex jiżgura li din tkopri l-NAPCPs.

L-Artikolu 7 moqri flimkien mal-Anness I jeħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja u, b'hekk, jippreparaw u jaġġornaw, b'konformità mal-obbligi u mal-linji gwida ppromulgati skont il-Konvenzjoni LRTAP imsemmija u speċifikata aħjar fl-Anness IV, inventarji nazzjonali u projezzjonijiet dwar l-emissjonijiet li għandhom jiġu akkumpanjati minn rapport tal-inventarju informattiv (IIR). L-Istati Membri li japplikaw il-flessibilitajiet skont l-Artikolu 5 għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti fl-IIR jew f'rapport separat.

Skont l-Artikolu 8, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw, fejn prattikabbli, l-impatti avversi tat-tniġġis tal-arja fuq l-ilma u fuq l-ekosistemi terrestri, fuq il-bażi tal-modalitajiet speċifikati fl-Anness V. L-Istati Membri huma intitolati biex jagħmlu użu minn sistemi ta' monitoraġġ stabbiliti bħala parti minn strumenti oħra tal-Unjoni.

L-Artikolu 9 jeħtieġ li l-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni, fid-dati speċifikati fl-Anness I, l-NAPCP tagħhom flimkien ma' kwalunkwe aġġornamenti, kif ukoll l-informazzjoni kollha dwar il-monitoraġġ stabbilita skont l-Artikoli 7 u 8. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u tal-Istati Membri, għandha tivverifika b'mod regolari l-preċiżjoni u l-kompletezza tad-dejta rrappurtata dwar l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet.

¹¹ Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003, li ttipprovdi għall-parteciġipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteciġipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja, ĠU L156, 25.6.2003, p. 17).

L-Artikolu 10 jistipula li l-Kummissjoni għandha tirrapporta kull ħames snin dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4, paragrafu 2, li hu relatat mal-livelli ta' emissjoni intermedji stabbiliti għall-2025.

L-Artikolu 11 jippromwovi t-tixrid sistematiku, attiv u elettroniku tal-informazzjoni miġbura u pproċessata skont din il-proposta u jirreferi, f'dak il-kuntest, għar-reqwiziti stabbiliti fil-liġijiet tal-Unjoni, inkluż fid-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.¹²

L-Artikolu 12 jippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti sabiex l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja jibqgħu jiġu indirizzati aktar u b'mod aqwa fuq livell globali.

L-Artikolu 13 jistipula l-modalitajiet tal-proċedura applikabbli skont l-Artikoli 6(7), 7(9) u 8(3) għall-adattament tal-Annessi I, III (parti 1), IV u V għall-progress xjentifiku u tekniku permezz ta' atti delegati.

L-Artikolu 14 jirreferi għall-proċedura ta' eżaminazzjoni tal-Kumitat li l-Kummissjoni għandha tuża biex tippromulga atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikoli 5(6) u 6(9), u jispeċifika li l-Kumitat eżistenti stabbilit skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/50/KE għandu jintuża.

L-Artikoli 15, 17 u 19 jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont il-proposta, mad-dħul fis-seħħ u t-traspożizzjoni tal-proposta fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri.

L-Artikolu 18 jittratta r-revoka tad-Direttiva 2001/81/KE filwaqt li jispeċifika li l-NECs li din tistabbilixxi għandhom jibqgħu applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2019.

L-Anness VI jinkludi t-tabella ta' korrelazzjoni.

Bażi legali

Billi l-għan ewlieni tal-proposta huwa l-protezzjoni tal-ambjent, b'konformità mal-Artikolu 191 tat-TFUE, il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

¹² Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u l-għażla ta' strument

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sa fejn il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri. Sabiex jiġu indirizzati l-impatti sinifikanti li fadal rigward il-kwalità tal-arja fl-Unjoni, kull Stat Membru għandu jnaqqas l-emissjonijiet tiegħu ta' sustanzi li jniġġsu, u l-kombinament kosteffikaċi ta' tnaqqis fl-Ewropa kollha jista' jiġi kkoordinat biss flivell tal-Unjoni. L-impenji ta' tnaqqis identifikati jqisu mhux biss l-impatti domestiċi tal-emissjonijiet nazzjonali, iżda wkoll l-impatti transkonfinali tagħhom.

Azzjoni mill-Unjoni sservi biex l-għanijiet tal-proposta jintlaħqu b'mod aqwa. Id-Direttiva 2001/81/KE tistabbilixxi miri ta' tnaqqis u rekwiżiti minimi għall-implimentazzjoni tagħhom, filwaqt li tippermetti lill-Istati Membri jiddeterminaw l-aħjar kombinament ta' miżuri sabiex jinkiseb dan it-tnaqqis. Dak il-prinċipju huwa miżmum f'din il-proposta, li tkompli tarmonizza r-rekwiżiti dwar programmi nazzjonali u dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja bl-għan li jiġu korretti n-nuqqasijiet tad-Direttiva 2001/81/KE, u li jkun hemm konformità ma' impenji internazzjonali mibdiya skont il-Konvenzjoni LRTAP u skont il-Protokoll tagħha. Għalkemm il-proposta teħtieġ kontroll tal-emissjonijiet mis-sors fis-settur agrikolu, l-Istati Membri huma intitolati li ma jimplimentawhomx jekk ma jkunux meħtieġa sabiex jinkiseb l-impenn rilevanti għat-tnaqqis.

Għaldaqstant, din il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-istrument legali magħżul huwa Direttiva, billi l-proposta tistabbilixxi għanijiet u obbligi, filwaqt li tippermetti biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tal-għażla tal-miżuri għall-konformità u għall-implimentazzjoni dettaljata tagħhom. Għaldaqstant, din il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Id-Direttiva se tiġi implimentatata bl-użu tal-baġit eżistenti u mhux se jkollha impatt fuq il-qafas finanzjarju multiannwali.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

Dokumenti ta' spjegazzjoni

Il-Kummissjoni tqis id-dokumenti ta' spjegazzjoni bħala meħtieġa sabiex tittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar it-traspożizzjoni tad-direttiva għar-raġunijiet li ġejjin.

It-traspożizzjoni sħiħa u korretta tad-Direttiva hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-miri tagħha (jiġifieri l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem) jinkisbu. Minħabba l-fatt li ċerti Stati Membri diġà jirregolaw l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva probabbilment ma tkunx magħmula minn att leġislattiv wieħed, iżda minn diversi emendi jew proposti ġodda fl-oqsma rilevanti. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' spiss hija deċentralizzata ħafna, billi l-awtoritajiet reġjonali u lokali huma responsabbli mill-applikazzjoni tagħha u, f'xi Stati Membri, anke mit-traspożizzjoni tagħha.

Il-fatturi msemija hawn fuq huma mistennija li jżidu r-riskji ta' traspożizzjoni u implimentazzjoni ħażina tad-Direttiva, u jikkumplikaw il-kompitu tal-Kummissjoni li timmonitorja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. Informazzjoni ċara fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-Direttiva hija strumentali fl-iżgurar tal-konformità tal-leġislazzjoni nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tagħha.

Ir-rekwiżit li jiġu pprovduti dokumenti ta' spjegazzjoni jista' joħloq piż amministrattiv addizzjonali fuq dawk l-Istati Membri li ma jaħdmux fuq din il-bażi fl-ebda każ. Madankollu, il-piż amministrattiv addizzjonali possibbli huwa proporzjonata mal-għan li qed jiġi segwit, jiġifieri li tiġi żgurata traspożizzjoni effettiva u li jintlaħqu bis-sħiħ l-għanijiet tad-Direttiva.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq huwa xieraq li l-Istati Membri jintalbu jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali .

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja u li
temenda d-Direttiva 2003/35/KE**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni¹⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) F'dawn l-aħħar 20 sena sar progress sinifikanti fl-Unjoni fil-qasam tal-emissjonijiet antropoġeniċi fl-arja u fil-qasam tal-kwalità tal-arja minn politika dedikata tal-UE, inkluż mill-Komunikazzjoni tal-2005 tal-Kummissjoni 'Strateġija Tematika dwar it-tniġġis tal-arja' (TSAP)¹⁵. Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ kellha rwol strumentali fil-ksib ta' dan il-progress billi imponiet limiti fuq l-emissjonijiet annwali totali tal-Istati Membri għall-2010 u għas-snin ta' wara ta' diossidu tal-kubrit (SO₂), ta' ossidi tan-nitroġenu (NO_x), ta' ammonja (NH₃) u ta' komposti organiċi volatili għajr il-metan (NMVOC). Bħala riżultat, bejn l-1990 u l-2010 l-emissjonijiet ta' SO₂ tnaqqsu bi 82%, l-emissjonijiet ta' NO_x tnaqqsu b'47%, l-emissjonijiet ta' NMVOC tnaqqsu b'56% u l-emissjonijiet ta' NH₃ tnaqqsu bi 28%. Madankollu, kif ġie indikat fil-"Programm għal Arja Nadifa għall-Ewropa" (TSAP

¹³ ĠU C , , p. .

¹⁴ ĠU C , , p. .

¹⁵ Il-Komunikazzjoni tal-21 ta' Settembru 2005 mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew - "Strateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Arja", COM(2005) 446 finali.

¹⁶ Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22).

riveduta'),¹⁷ għad hemm impatti u riskji negattivi sinifikanti għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem.

- (2) Is-seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali¹⁸ jikkonferma l-oġettiv tal-Unjoni tul perjodu ta' żmien twil rigward il-politika dwar l-arja, li jinkludha livelli ta' kwalità tal-arja li ma jaqgħux lok għal impatti negattivi fuq u riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u jinkludha, għal dak l-għan, li jkun hemm konformità sħiħa mal-leġislazzjoni attwali tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja, miri u azzjonijiet strateġiċi għal wara l-2020, sforzi msaħħa f'oqsma fejn il-popolazzjoni u l-ekosistemi jinsabu esposti għal livelli għolja ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, u sinerġiji msaħħa bejn il-leġislazzjoni dwar il-kwalità tal-arja u l-oġettivi tal-politika tal-Unjoni stipulati b'mod partikolari fir-rigward tat-tibdil fil-klima u tal-bijodiversità.
- (3) It-TSAP riveduta tistabbilixxi għanijiet strateġiċi għodda sal-2030 bl-għan li toqrob aktar lejn l-għan tal-Unjoni tul perjodu ta' żmien twil.
- (4) L-Istati Membri u l-Unjoni huma partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila tal-1979 ('Konvenzjoni LRTAP')¹⁹ u għal diversi Protokoll tagħha, inkluż il-Protokoll ta' Gothenburg tal-1999 Sabiex Titnaqqas l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku.
- (5) Rigward is-sena 2020 u s-snin ta' wara, il-Protokoll rivedut ta' Gothenburg li għe aċċettat mill-Kunsill fid-Deċizzjoni [xxxx/xxxx/EU]²⁰ jistipula impenji għodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u jiehni s-sena 2005 bħala s-sena bażi, għal kull parti fir-rigward ta' SO₂, NO_x, NH₃, NMVOC u għall-materja partikulata fina (PM_{2.5}), jipprova tnaqqis tal-emissjonijiet ta' karbonju iswed u jinkludha li jkun hemm għbir u żamma ta' informazzjoni dwar l-effetti negattivi ta' konċentrazzjonijiet u depożizzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u l-parteċipazzjoni fil-programmi orjentati lejn l-effetti skont il-Konvenzjoni LRTAP.
- (6) Għaldaqstant, il-limitu massimu nazzjonali tal-emissjonijiet stabbilit bid-Direttiva 2001/81/KE għandu jiġi rivedut sabiex jingħieb konformi mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri.
- (7) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw din id-Direttiva b'mod li jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ilħiq tal-għan fit-tul tal-Unjoni rigward il-kwalità tal-arja kif appoġġjat mil-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u tal-għanijiet tal-Unjoni rigward il-bijodiversità u l-protezzjoni tal-ekosistemi billi l-livelli u d-depożizzjoni tat-tniġġis tal-arja minn inkwinanti aċidifikanti, ewtrofikanti u tal-ożonu

¹⁷ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Programm għal Arja Nadifa għall-Ewropa", COM(2013) [xxx].

¹⁸ Proposta għal Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna", COM (2012) 710, 29.11.2012.

¹⁹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fit-Tul biex Titnaqqas l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu ta' ma' Wiċċ l-Art (ĠU L179, 17.7.2003, p. 1).

²⁰ Id-Deċizzjoni 2013/xxxx/EU tal-Kunsill dwar l-aċċettazzjoni tal-Emenda għall-Protokoll tal-1999 għall-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila sabiex titnaqqas l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku (ĠU L... p.).

jitnaqqsu għal livelli aktar baxxi mit-tagħbijiet u l-livelli kritiċi stabbiliti mill-Konvenzjoni LRTAP.

- (8) Din id-Direttiva għandha tikkontribwixxi wkoll lejn il-ksib tal-għanijiet dwar il-kwalità tal-arja stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, lejn il-mitigazzjoni tal-impatti tat-tibdil fil-klima billi tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu b'ħaġġa qasira kif ukoll lejn it-titjib fil-kwalità tal-arja fuq livell globali.
- (9) L-Istati Membri għandhom jiġu konformi mal-impenji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva għall-2020 u l-2030. Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm progress li jista' jintwera favur l-ilħiq tal-ipenji għall-2030, l-Istati Membri għandhom jilhqqu livelli ta' emissjonijiet intermedji fl-2025, stabbiliti fuq il-bażi ta' perkors lineari bejn il-livelli tal-emissjonijiet tagħhom għall-2020 u dawk definiti mill-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030, sakemm dan ma jinvolvix spejjeż sproporzjonati. Meta l-emissjonijiet għall-2025 ma jkunux jistgħu jiġu limitati b'dan il-mod, l-Istati Membri għandhom jispjegaw ir-raġunijiet tagħhom fir-rapporti tagħhom ippreżentati skont din id-Direttiva.
- (10) Bħala parti mill-Konvenzjoni LRTAP, xi Stati Membri għażlu li jiffissaw livelli massimi tal-emissjonijiet fir-rigward tas-settur tat-trasport fuq il-bażi tal-fjuwil użat. Dan irriżulta f'nuqqas ta' koerenza mal-konsum globali tagħhom tal-enerġija u mal-istatistika relatata tagħhom, kif ukoll ma' dik tal-Unjoni kollha kemm hi. F'dan il-kuntest, sabiex tiġi garantita bażi komuni u koerenti għall-Istati Membri kollha u għall-Unjoni kollha kemm hi, din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti ta' rappurtar u impenji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fuq il-bażi tal-konsum nazzjonali tal-enerġija u fuq il-fjuwil mibjugħ, li jiżgura koerenza aqwa mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima.
- (11) Sabiex jippromwovu l-kisba b'mod kosteffikaċi tal-impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet, l-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jikkunsidraw tnaqqis ta' emissjonijiet minn traffiku marittimu internazzjonali jekk l-emissjonijiet minn dak is-settur ikunu aktar baxxi mil-livelli ta' emissjonijiet li kieku jirriżultaw minn konformità mal-istandards tal-liġijiet tal-Unjoni, inklużi l-limiti tal-kubrit għall-fjuwils stabbiliti fid-Direttiva 1999/32/KE tal-Kunsill.²¹ L-Istati Membri għandu jkollhom ukoll il-possibbiltà li jilhqqu l-impenji tagħhom u l-livelli intermedji ta' emissjoni rigward il-metanu (CH₄) b'mod konġunt, u li jagħmlu użu mid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jagħmlu hekk.²² Għall-iskop tal-verifika tal-konformità mal-livelli nazzjonali massimi tagħhom tal-emissjonijiet, mal-impenji tagħhom għat-tnaqqis ta' emissjonijiet u mal-livelli intermedji ta' emissjoni, l-Istati Membri jistgħu jaġġustaw l-inventarji nazzjonali tagħhom tal-emissjonijiet fid-dawl ta' għarfien xjentifiku u metodoloġiji mtejbja dwar l-emissjonijiet. Il-Kummissjoni tista' toġġezzjona kontra l-użu minn Stat Membru ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-flessibilitajiet jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva ma jiġux issodisfati.

²¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 dwar it-tnaqqis fil-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi u li temenda d-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 121, 11.5.1999, p. 13).

²² Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

- (12) L-Istati Membri għandhom jadottaw u jimplimentaw programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja bil-ħsieb li jilhqqu r-rekwiżiti tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-livelli intermedji ta' emissjoni tagħhom, u biex jagħtu kontribut effettiv lejn il-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet f'żoni u f'agglomerazzjonijiet li huma affettwati minn konċentrazzjonijiet eċċessivi ta' sustanzi li jniġġsu l-arja u/jew f'dawk li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tniġġis tal-arja f'żoni u f'agglomerazzjonijiet oħra, inkluż f'pajjiżi ġirien. Għal dak l-għan, il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja ppromulgati skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.²³
- (13) Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-arja ta' NH₃ u PM_{2,5} mill-kontributori ewlenin, il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja għandhom jinkludu miżuri li japplikaw għas-settur agrikolu. L-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jimplimentaw miżuri oħra apparti dawk stipulati f'din id-Direttiva, li għandu jkollhom livell ekwivalenti ta' prestazzjoni ambjentali minħabba ċirkustanzi nazzjonali speċifiċi.
- (14) Il-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja, inkluż l-analiżi li tappoġġja l-identifikazzjoni ta' politiki u miżuri, għandu jiġi aġġornat b'mod regolari.
- (15) Sabiex ifasslu programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja li huma infurmati tajjeb u sabiex ifasslu kwalunkwe aġġornamenti sinifikanti, l-Istati Membri għandhom jagħmlu dawk il-programmi u aġġornamenti soġġetti għal konsultazzjoni mal-pubbliku u mal-awtoritajiet kompetenti fil-livelli kollha meta l-għażliet kollha rigward il-politiki u l-miżuri jkunu miftuħa. L-Istati Membri għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet transkonfinali f'każijiet fejn l-implimentazzjoni tal-programm tagħhom tista' taffettwa l-kwalità tal-arja f'pajjiż ieħor, b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni u fil-leġislazzjoni internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali (Espoo, 1991) u l-Protokoll tagħha dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali (Kyiv, 2003), kif approvati mill-Kunsill.²⁴
- (16) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jirrappurtaw inventarji, projezzjonijiet u rapporti tal-inventarji informattivi dwar is-sustanzi li jniġġsu l-arja kollha koperti minn din id-Direttiva, li mbagħad għandhom jippermettu lill-Unjoni li tissodisfa d-dmirijiet tagħha ta' rappurtaġġ skont il-Konvenzjoni LRTAP u l-Protokoll tagħha.
- (17) Sabiex tinżamm il-konsistenza ġenerali għall-Unjoni kollha kemm hi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappurtar tagħhom lill-Kummissjoni dwar l-inventarji, il-projezzjonijiet u r-rapporti tal-inventarji informattivi nazzjonali tagħhom dwar l-emissjonijiet huma konsistenti bis-siġħ mar-rappurtar tagħhom skont il-Konvenzjoni LRTAP.

²³ Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

²⁴ Id-Deċiżjoni 2008/871/KE tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2008 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali għall-Konvenzjoni ta' Espoo tal-UN/ECE tal-1991 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (ĠU L 308, 19.11.2008, p. 33).

- (18) Sabiex tiġi vvalutata l-effettività tal-impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom ukoll jimmonitorjaw, fejn prattikabbli, l-effetti ta' dan it-tnaqqis f'ekosistemi terrestri u akkwatiċi, b'konformità mal-linji gwida stabbiliti fl-ivell internazzjonali, u jirrappurtaw dawn l-effetti.
- (19) B'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, l-Istati Membri għandhom jiżguraw tixrid attiv u sistematiku ta' informazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi.
- (20) Jeħtieġ li d-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ tiġi emendata sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ta' din id-Direttiva mal-Konvenzjoni ta' Aarhus tal-1998 dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Relatati mal-Ambjent.
- (21) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-linji gwida dwar ir-rappurtar stabbiliti fl-Anness I, fil-Parti 1 tal-Anness III u fl-Annessi IV u V, sabiex dawn jiġu adattati għall-progress tekniku. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tipprepara u tfassal atti delegat, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (22) Sabiex jiġi żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (KE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.²⁷
- (23) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawn il-penali għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissuażivi.
- (24) Rigward in-natura tal-modifiki li għandhom isiru għad-Direttiva 2001/81/KE u l-punt safejn dawn iridu jkopru, l-istess Direttiva għandha tiġi mibdula sabiex jittejjbu ċ-ċertezza, iċ-ċarezza, u t-trasparenza legali u s-simplifikazzjoni leġiżlattiva. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fit-titjib tal-kwalità tal-arja, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-livelli massimi tal-emissjonijiet stipulati fid-Direttiva 2001/81/KE sakemm l-impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva jsiru applikabbli fl-2020.

²⁵ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess tal-pubbliku għat-tagħrif dwar l-ambjent (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

²⁶ Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003, li tipprovdi għall-partiċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-partiċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja, ĠU L156, 25.6.2003, p. 17).

²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (25) Peress li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-ambjent u għas-saħħa tal-bnedmin, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda minflok, minħabba n-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-arja, jista' jintlaħaq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif iddefinit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (26) B'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni,²⁸ l-Istati Membri refgħu r-responsabbiltà li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew iktar li jispjega(w) ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' dawn id-dokumenti għandha tkun ġustifikata.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi l-limiti għall-emissjonijiet tal-arja tal-Istati Membri rigward sustanzi aċidifikanti u ewtrofikanti li jniġġsu, għal prekursori tal-ożonu, għal materja primarja f'forma ta' partikuli u għal prekursori ta' materja sekondarja f'forma ta' partikuli u sustanzi oħra li jniġġsu l-arja, u teħtieġ li l-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja jiġu mfassla, adottati u implimentati, u li l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu u l-impatti tagħhom jiġu mmonitorjati u rrapportati.

Artikolu 2

Ambitu

Din id-Direttiva għandha tapplika għal emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu msemmija fl-Anness I mis-sorsi kollha li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri, fiż-żoni ekonomiċi esklussivi tagħhom u fiż-żoni tagħhom ta' kontroll tat-tniġġis.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "emissjoni" tfisser ir-rilaxx ta' sustanza minn punt jew sors diffuż għal ġol-atmosfera;
2. "prekursori tal-ożonu" tfisser ossidi tan-nitroġenu, komposti volatili organiċi mhux metaniċi, metan u monossidu tal-karbonju;

²⁸ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

3. "għanijiet ta' kwalità tal-arja" tfisser il-valuri ta' limitu, il-valuri mira u l-obbligi tal-konċentrazzjoni tal-espożizzjoni għall-kwalità tal-arja stabbiliti fid-Direttiva 2008/50/KE u fid-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;²⁹
4. "ossidi tan-nitroġenu" (NO_x) tfisser monossidu tan-nitroġenu u diossidu tan-nitroġenu, espressi bħala diossidu tan-nitroġenu;
5. "komposti organiċi volatili mhux metaniċi" (NMVOC) tfisser il-komposti organiċi kollha ta' natura antropoġenika, għajr il-metan, li huma kapaċi jipproduċi ossidanti fotokimiċi permezz ta' reazzjoni ma' ossidi tan-nitroġenu fil-preżenza tad-dawl tax-xemx;
6. "PM_{2,5}" tfisser il-materja partikulata li tgħaddi minn daħla selettiva skont id-daqs kif definit fil-metodu ta' referenza għat-teħid tal-kampjuni u għall-kejl tal-PM_{2,5}, EN 14907, b'limitu ta' effiċjenza ta' 50% f'dijametru aerodinamiku ta' 2,5 µm;
7. "impenn nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet" tfisser it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' sustanza espress bħala perċentwal ta' tnaqqis fl-emissjonijiet bejn it-total ta' emissjonijiet rilaxxati matul is-sena bażi (2005) u t-total ta' emissjonijiet rilaxxati matul sena kalendarja mira li l-Istati Membri ma għandhomx jaqbżu;
8. "ċiklu tal-inżul u tat-tluq" tfisser iċ-ċiklu li jinkludi l-mument li l-ajruplan jidħol minn u joħroġ għal fuq ir-runway, il-ġirja għat-tluq, x'ħin jinqata' mill-art, x'ħin j avvja r-runway, l-inżul u l-attivitajiet l-oħra kollha tal-ajruplan li jseħħu f'altitudni ta' inqas minn 3000 pied;
9. "traffiku marittimu internazzjonali" tfisser vjaġġi fuq il-baħar jew f'ilmijiet kostali ta' bastimenti tal-bnadar kollha, għajr bastimenti tas-sajd, li jtilqu mit-territorju ta' pajjiż wieħed u li jaslu fit-territorju ta' pajjiż ieħor;
10. "żona ta' kontroll ta' emissjoni" tfisser żona tal-baħar speċjali stabbilita b'konformità mal-Anness VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (MARPOL);
11. 'żona ta' kontroll tat-tniġġis' tfisser żona tal-baħar li tinsab mhux aktar minn 200 mil nawtiku bogħod mil-linji ta' referenza li minnhom titkejjel il-wisa' tal-baħar territorjali, kif stabbilit minn Stat Membru għall-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll tat-tniġġis minn bastimenti skont ir-regoli u l-istandards internazzjonali applikabbli;
12. "karbonju iswed" (BC) tfisser materja partikolata karbonjuża li tassorbi d-dawl.

Artikolu 4

Impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet

1. Bħala minimu, l-Istati Membri għandhom jillimitaw l-emissjonijiet antropoġeniċi annwali tagħhom ta' diossidu tal-kubrit (SO₂), ta' ossidi tan-nitroġenu (NO_x), ta' komposti organiċi volatili għajr il-metan (NMVOC), ta' ammonja (NH₃), ta' materja

²⁹ Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3–16).

partikulata (PM_{2,5}) u ta' metan (CH₄) b'konformità mal-impenji nazzjonali ghattnaqqs ta' emissjonijiet applikabbli mill-2020 u l-2030, kif stabbilit fl-Anness II.

2. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li ma jinvolvox spejjeż sproporzjonati sabiex jillimitaw l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-2025 annwali tagħhom ta' SO₂, NO_x, NMVOC, NH₃, PM_{2,5} u CH₄. Il-livelli ta' dawk l-emissjonijiet għandhom jiġu determinati fuq il-bażi ta' fjuwils mibjugħin, permezz ta' perkors ta' tnaqqis lineari stabbilit bejn il-livelli tal-emissjonijiet tagħhom għall-2020 u l-livelli ta' emissjonijiet definiti mill-impenji ghattnaqqs ta' emissjonijiet għall-2030.

Meta l-emissjonijiet għall-2025 ma jkunux jistgħu jiġu limitati skont il-perkors iddeterminat, l-Istati Membri għandhom jispjegaw ir-raġunijiet tagħhom fir-rapporti tagħhom ippreżentati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9.

3. L-emissjonijiet li ġejjin mhumiex meqjusa għall-iskop ta' konformità mal-paragrafi 1 u 2:
 - (a) emissjonijiet mill-ajruplani lil hinn miċ-ċiklu ta' nżul u tluġ;
 - (b) l-emissjonijiet fil-Gżejjer Kanarji, id-dipartimenti Françizi extra-Ewropej, il-Madejra u l-Azores;
 - (c) emissjonijiet mit-traffiku marittimu nazzjonali lejn u mit-territorji msemmija fil-punt (b);
 - (d) emissjonijiet minn traffiku marittimu internazzjonali, mingħajr ħsara għall-Artikolu 5(1).

Artikolu 5

Flessibbiltajiet

1. Sabiex jiġu konformi mal-livelli intermedji ta' emissjoni iddeterminati għall-2025 skont l-Artikolu 4, paragrafu 2, u skont l-impenji nazzjonali ghattnaqqs ta' emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II applikabbli mill-2030 'il quddiem għal NO_x, SO₂ u PM_{2,5}, l-Istati Membri jistgħu jikkompensaw tnaqqis fl-emissjonijiet ta' NO_x, SO₂ u PM_{2,5} miksub mit-traffiku marittimu internazzjonali kontra emissjonijiet ta' NO_x, SO₂ u PM_{2,5} rilaxxati minn sorsi oħra fl-istess sena, bil-kundizzjoni li dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) it-tnaqqis tal-emissjonijiet għandu jseħħ f'żoni tal-baħar li huma parti mill-ibħra territorjali, miż-żoni ekonomiċi esklużivi jew miż-żoni ta' kontroll tat-tniġġis tal-Istati Membri, jekk dawn iż-żoni jkunu ġew stabbiliti;
 - (b) ikunu adottaw u implimentaw miżuri effettivi ta' monitoraġġ u spezzjoni li jiżguraw it-tħaddim tajjeb ta' din il-flessibbiltà;
 - (c) ikunu implimentaw miżuri biex jinkisbu emissjonijiet ta' NO_x, SO₂ u PM_{2,5} minn traffiku marittimu internazzjonali li huma aktar baxxi mil-livelli ta' emissjonijiet li kieku jinkisbu permezz tal-konformità mal-istandards tal-

Unjoni applikabbli għal emissjonijiet ta' NO_x, SO₂ u PM_{2,5}, u li jkunu wrew kwantifikazzjoni adegwata tat-tnaqqis addizzjonali tal-emissjonijiet li jirriżulta minn dawn il-miżuri;

- (d) ma jkunux ikkumpensaw għal aktar minn 20% tat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' NO_x, SO₂ u PM_{2,5} ikkalkulati skont il-punt (c), sakemm il-kumpens ma jirriżultax f'nuqqas ta' konformità mal-impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet għall-2020 stabbiliti fl-Anness II.
- 2. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw, b'mod konġunt, l-impenji tagħhom għat-tnaqqis tal-livelli tal-emissjonijiet tal-metan u tal-livelli intermedji ta' emissjoni tal-metan imsemmija fl-Anness II, bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) ikunu konformi mar-rekwiżiti u l-modalitajiet kollha applikabbli stabbiliti skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni, inkluż skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
 - (b) ikunu adottaw u implimentaw dispożizzjonijiet effettivi sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni konġunta titħaddem kif suppost.
- 3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-inventarji nazzjonali annwali tal-emissjonijiet għal SO₂, NO_x, NH₃, NMVOC u PM_{2,5}, b'konformità mal-Anness IV meta n-nuqqas ta' konformità mal-impenji nazzjonali tagħhom għat-tnaqqis ta' emissjonijiet jew mal-livelli intermedji tagħhom ta' emissjoni jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' metodi ta' inventarji ta' emissjonijiet imtejba aġġornati skont l-għarfien xjentifiku.
- 4. L-Istati Membri li beħsiebhom japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar ikkonċernata. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi s-sustanzi li jniġġsu u l-oqsma kkonċernati u, fejn disponibbli, il-kobor tal-impatti fuq l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet.
- 5. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha teżamina u tevalwa jekk l-użu ta' kwalunkwe mill-flessibbiltajiet għal sena partikolari jissodisfax ir-rekwiżiti u l-kriterji rilevanti.

F'każ li l-Kummissjoni ma tqajjem ebda oġġezzjoni fi żmien disa' xhur mid-data tal-wasla tar-rapport rilevanti msemmi fl-Artikolu 7, paragrafi 4, 5 u 6, l-Istat Membru kkonċernat għandu jqis l-użu tal-flessibbiltà applikata bħala aċċettat u validu għal dik is-sena. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li l-użu ta' flessibbiltà mhuwiex skont ir-rekwiżiti u l-kriterji applikabbli, għandha tadotta Deċiżjoni u tinforma lill-Istat Membru li din ma tistax tiġi aċċettata.
- 6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw ir-regoli dettaljati għall-użu tal-flessibbiltajiet kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2 u 3, b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14.

Artikolu 6

Programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja

1. L-Istati Membri għandhom iħejju u jadottaw programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja skont il-Parti 2 tal-Anness III sabiex jillimitaw l-emissjonijiet antropoġeniċi annwali tagħhom skont l-Artikolu 4.
2. Fit-tfassil, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-programm imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom:
 - (a) jivvalutaw sa liema punt is-sorsi nazzjonali ta' emissjonijiet x'aktarx li jkollhom impatt fuq il-kwalità tal-arja fit-territorju tagħhom u fl-Istati Membri ġirien tagħhom permezz tad-dejta u l-metodoloġiji żviluppati bħala parti mill-programm Ewropew għall-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni (EMEP), fejn ikun xieraq;
 - (b) iqisu l-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja sabiex tintlaħaq il-konformità mal-għanijiet relatati mal-kwalità tal-arja fit-territorji tagħhom u, fejn ikun xieraq, fl-Istati Membri ġirien;
 - (c) jagħtu prijorità lil miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju iswed meta jieħdu miżuri biex jinkisbu l-impenji nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet tagħhom għall-PM_{2,5};
 - (d) jiżguraw koerenza ma' pjanijiet u programmi rilevanti oħra stabbiliti bis-saħħa ta' rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom, sakemm ikun meħtieġ, jinkludu l-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet stipulati fil-Parti 1 tal-Anness III jew miżuri li għandhom l-istess effett ambjentali, bil-ħsieb li jintlaħqu l-impenji nazzjonali rilevanti tagħhom għat-tnaqqis ta' emissjonijiet.
3. Il-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja għandu jiġi aġġornat kull sentejn.
4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, il-politiki u l-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jinsabu fil-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja għandhom jiġu aġġornati fi żmien 12-il xahar fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-każijiet:
 - (a) l-obbligi stipulati fl-Artikolu 4 ma jiġux imħarsa jew ikun hemm riskju ta' nuqqas ta' konformità;
 - (b) l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħmlu użu minn kwalunkwe mill-flessibbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 5.
5. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw, b'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-awtoritajiet kompetenti li, minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom fil-qasam tat-tniġġis, il-kwalità u l-ġestjoni tal-arja fil-livelli kollha, x'aktarx li jiġu milquta mill-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' kontroll tat-tniġġis tal-arja, fir-rigward tal-programmi nazzjonali tagħhom ta' kontroll tat-tniġġis tal-arja u kwalunkwe aġġornamenti

sinifikanti qabel dawn jiġu finalizzati. Fejn xieraq, għandhom jiġu żgurati konsultazzjonijiet transkonfinali b'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi, fejn xieraq, permezz ta' skambju ta' prattiki tajba.
7. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 13 sabiex tadatta l-Parti 1 tal-Annessi III għall-progress tekniku.
8. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi gwida dwar l-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja.
9. Il-Kummissjoni tista' tispeċifika wkoll il-format u l-informazzjoni meħtieġa rigward il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja fil-forma ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 14.

Artikolu 7

Inventarji ta' emissjonijiet u proġettazzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jippreparaw u jaġġornaw kull sena l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet għas-sustanzi li jniġġsu stabbiliti fit-Tabella A tal-Anness I, b'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-istess Anness.

L-Istati Membri għandhom jippreparaw u jaġġornaw kull sena l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet għas-sustanzi li jniġġsu stabbiliti fit-Tabella B tal-Anness I, b'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-istess Anness.

2. L-Istati Membri għandhom iħejju u jaġġornaw kull sentejn inventarji tal-emissjonijiet spazjalment diżaggregati, inventarji ta' sorsi lokalizzati kbar u projezzjonijiet għas-sustanzi li jniġġsu stabbiliti fit-Tabella C tal-Anness I, b'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-istess Anness.
3. L-inventarji u l-projezzjonijiet tal-emissjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu akkumpanjati minn rapport tal-inventarju informattiv, b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella D tal-Anness I.
4. L-Istati Membri li japplikaw il-flessibilità skont l-Artikolu 5(1) għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja fir-rapport tal-inventarju informattiv tas-sena kkonċernata:
 - (a) il-kwantità tal-emissjonijiet ta' NO_x, SO₂ u PM_{2,5} li kieku kienu jseħħu fin-nuqqas ta' żona ta' kontroll ta' emissjoni;
 - (b) il-livell tat-tnaqqis tal-emissjonijiet miksub fil-parti taż-żona ta' kontroll ta' emissjoni tal-Istat Membru skont l-Artikolu 5(1)(c);
 - (c) il-punt safejn japplikaw din il-flessibilità;
 - (d) kwalunkwe dejta addizzjonali li l-Istati Membri jistgħu jqisu bħala xierqa biex il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, tkun tista'

twettaq valutazzjoni sħiħa tal-kondizzjonijiet li taħtom tkun ġiet implimentata l-flessibbiltà.

5. L-Istati Membri li jagħżlu l-flessibilità skont l-Artikolu 5(2) għandhom jipprovdu rapport separat li jippermetti lill-Kummissjoni tanalizza u tivvaluta jekk ir-rekwiżiti ta' dik id-dispożizzjoni għewx issodisfati.
6. L-Istati Membri li jagħżlu l-flessibilità skont l-Artikolu 5(3) għandhom jinkludu l-informazzjoni stabbilita fil-Parti 4 tal-Anness IV fir-rapport tal-inventarju informattiv għas-sena kkonċernata sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tanalizza u tivvaluta jekk għewx issodisfati r-rekwiżiti ta' dik id-dispożizzjoni.
7. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu inventarji tal-emissjonijiet, inkluż inventarji tal-emissjonijiet aġġustati, projezzjonijiet dwar l-emissjonijiet u r-rapport tal-inventarju informattiv skont l-Anness IV.
8. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, kull sena għandha tistabbilixxi u taġġorna l-inventarji, il-projezzjonijiet u r-rapport tal-inventarju informattiv għas-sustanzi kollha li jniġġsu l-arja tal-Unjoni kollha msemmija fl-Anness I, fuq il-bażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3.
9. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 13 sabiex tadatta l-Anness I b'rabta mal-iskadenzi għar-rappurtar u sabiex tadatta l-Anness IV għall-progress tekniku.

Artikolu 8

Il-monitoraġġ tal-impatti tat-tniġġis tal-arja

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, jekk ikun prattikabbli, il-monitoraġġ tal-impatti negattivi tat-tniġġis tal-arja fuq l-ekosistemi skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V.
2. L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jikkoordinaw il-monitoraġġ tal-impatti tat-tniġġis tal-arja ma' programmi ta' monitoraġġ oħra stabbiliti bis-saħħa tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, inkluż id-Direttiva 2008/50/KE u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.³⁰
3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13 sabiex tkun tista' tadatta l-Anness V għall-progress tekniku u xjentifiku.

Artikolu 9

Rappurtar mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-programm nazzjonali tagħhom għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja lill-Kummissjoni [fi żmien tliet xhur mid-data msemmija fl-Artikolu 17, id-data għad għandha tiddaħħal mill-OPOCE], u għandhom ukoll jipprovdu l-aġġornamenti kull sentejn wara dan.

³⁰ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

Meta programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja jiġi aġġornat skont l-Artikolu 6(4), l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'dan fi żmien xahrejn.

2. Mill-2017, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet, il-projezzjonijiet tal-emissjonijiet, l-inventarji tal-emissjonijiet spazjalment diżaggregati, l-inventarji u r-rapporti tas-sorsi lokalizzati kbar tagħhom imsemmija fl-Artikolu 7(1), (2) u (3) u, fejn rilevanti, fl-Artikolu 7(4), (5) u (6), lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent skont d-dati tar-rappurtar stabbiliti fl-Anness I.

Din il-komunikazzjoni għandha tkun konsistenti mar-rappurtar lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni LRTAP.

3. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-emissjonijiet u l-projezzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar il-CH₄ b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.³¹
4. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u tal-Istati Membri, għandha tivverifika b'mod regolari d-dejta rrappurtata dwar l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet. Din il-verifika għandha tinvolvi dan li ġej:
 - (a) kontrolli li jivverifikaw it-trasparenza, il-preċiżjoni, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni ppreżentata;
 - (b) kontrolli biex jiġu identifikati każijiet fejn id-dejta tal-inventarju titħejja b'mod li mhuwiex konsistenti mar-rekwiżiti stabbiliti skont il-liġi internazzjonali, b'mod partikolari skont il-Konvenzjoni LRTAP;
 - (c) fejn xieraq, il-kalkolu tal-korrezzjonijiet tekniċi meħtieġa li jirriżultaw, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri.
5. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni li ġejja msemmija fl-Artikolu 8 lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent:
 - (a) [Qabel id-data msemmija fl-Artikolu 17 - id-data għad trid tiddaħħal mill-OPOCE] u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, il-post fejn jinsabu s-siti tal-monitoraġġ u l-indikaturi mmonitorjati assoċjati, u
 - (b) Fi żmien [sena mid-data msemmija fl-Artikolu 17 - id-data għad trid tiddaħħal mill-OPOCE] u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, il-valuri mkejla tal-indikaturi obbligatorji.

³¹ Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013 p. 13).

Artikolu 10

Rapporti mill-Kummissjoni

1. Mill-inqas kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u għandha tinkludi valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tagħha lejn il-kisba tal-għanijiet ta' din id-Direttiva.

Il-Kummissjoni għandha, fi kwalunkwe każ, tirrapporta skont kif imsemmi hawn fuq għas-sena 2025, u għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar il-kisba ta' livelli ta' emissjonijiet intermedji msemija fl-Artikolu 4, paragrafu 2 u r-raġunijiet għal kwalunkwe nuqqas ta' ksib. Għandha wkoll tidentifika l-ħtieġa għal aktar azzjoni, filwaqt li tikkunsidra l-impatti settorjali tal-implimentazzjoni.

2. Ir-rapporti msemija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu evalwazzjoni tal-impatti ambjentali u soċjo-ekonomiċi ta' din id-Direttiva.

Artikolu 11

Aċċess għall-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom, b'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE, jiżguraw it-tixrid attiv u sistematiku fost il-pubbliku tal-informazzjoni li ġejja billi tippubblikaha fuq sit tal-Internet li jista' jiġi aċċessat mill-pubbliku:

- (a) il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja u kwalunkwe aġġornamenti.
- (b) l-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet, inkluż meta jitwettqu, l-inventarji tal-emissjonijiet aġġustati, il-projezzjonijiet nazzjonali tal-emissjonijiet u r-rapporti tal-inventarju informattivi u rapporti u informazzjoni addizzjonali komunikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9.

2. Il-Kummissjoni għandha, b'konformità mar-Regolament Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,³² tiżgura t-tixrid attiv u sistematiku fost il-pubbliku billi tippubblika inventarji tal-emissjonijiet, il-projezzjonijiet u r-rapporti tal-inventarju informattivi fl-Unjoni kollha fuq sit tal-Internet li jista' jiġi aċċessat mill-pubbliku.

Artikolu 12

Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u koordinazzjoni fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali

L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, kif xieraq, isegwu kooperazzjoni bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi terzi, u koordinazzjoni fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħall-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), il-Kummissjoni

³² Ir-Regolament Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.09.2006, p. 13).

Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE), l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-riċerka u l-iżvilupp tekniku u xjentifiku, bl-għan li tittejjeb il-bażi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

Artikolu 13

L-eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bil-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikoli 6(7), 7(9) u 8(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikoli 6(7), 7(9) u 8(3) tista' titħassar fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni għandha tintemm permezz ta' deċiżjoni ta' revoka. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data speċifikata fiha aktar tard. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.
4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 6(7), 7(9) u 8(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn bl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

Artikolu 14

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandu jassistiha l-Kumitat dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent stabbilit bl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/50/KE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 15

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati taħt din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawk il-penali jkunu applikati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Artikolu 16

Emenda għad-Direttiva 2003/35/KE

Fl-Anness I tad-Direttiva 2003/35/KE, għandu jiżdied il-punt (g) li ġej:

'(g) l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva XXXX/XX/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali għal ċerti sustanzi li jniġġsu fl-arja u li temenda d-Direttiva 2003/35/KE *

* ĠU L XX ta' XX.XX.XXXX, p. X)

Artikolu 17

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ - id-data għad għandha tiddaħħal mill-OPOCE].

Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din meta jiġu ppubblikati b'mod uffiċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam li tkopri din id-Direttiva.

Artikolu 18

Dispożizzjonijiet ta' revoka u ta' tranżizzjoni

1. Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tħassret mill-[sad-data msemmija fl-Artikolu 17 ta' din id-Direttiva - id-data għad għandha tiddaħħal mill-OPOCE].

Madankollu, id-dispożizzjonijiet li ġejjin tad-Direttiva mħassra għandhom ikomplu japplikaw:

- (a) L-Artikolu 1 u l-Anness I sal-31 ta' Diċembru 2019;
- (b) L-Artikolu 7(1) u (2) u l-Artikolu 8(1) sa [id-data msemija fl-Artikolu 17 ta' din id-Direttiva - id-data għandha tiddaħħal mill-OPOCE].

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness VI.

- 2. Sal-31 ta' Diċembru 2019, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-Artikolu 5(3) ta' din id-Direttiva b'rabta mal-livelli massimi skont l-Artikolu 4 u l-Anness I tad-Direttiva 2001/81/KE.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 20

Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President